Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti tà Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Jurgen Vella]

vs

James Micallef

Warren Cassar

Kumpilazzjoni Numru: 148/15

Illum, 9 tà Mejju 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra James Micallef detentur tal-karta tal-identità numerata 563980M u Warren Cassar detentur tal-karta tal-identità numerata 424692M, akkuzati talli:

1. Nhar l-24 tà Jannar 2014 ghal habta tas-sebgha neqsin kwart tà filghodu (06:44hrs) gewwa triq Hal Farrug, Hal Farrug limiti Hal Luqa, b'vettura bin-numru tà registrazzjoni WAR692 u b'vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS347, b'nuqqas tà hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas tà hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas tà tharis tà regolamenti, ikkagunaw l-mewt tà Philip Christopher Attard Scott bi ksur tal-Artikolu 225(1) u 328(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet tà Malta.

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saqu l-imsemmija vetturi b'manjiera traskurata u negligenti bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet tà Malta.

Rat ukoll l-akkuza migjuba kontra James Micallef wahdu:

3. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi wara li kien involut f'incident tat-traffiku li involva offiza fuq persuna ohra, bhala sewwieq tal-vettura BBS347 naqas milli jieqaf u jaghti d-dettalji tieghu bi ksur tà regolament 67 tal-Ligi Sussidjarja 65.11.

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet tà Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz tà htija, tissosspendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputati ghal zmien li thoss xieraq.**

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) tà Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), fejn gew elenkati l-Artikoli taht liema tistà tinstab htija:

a) Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tà Malta;
b) Fl-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tà Malta;
c) Fl-Artikolu 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tà Malta;
d) Fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet tà Malta;

e) Fir-Regolament 127(1) tà Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kapitolu 65 tal-Ligijiet tà Malta;
f) Fir-Regolament 67 tà Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kapitolu 65 tal-Ligijiet tà Malta (fil-konfront tal-imputat James Micallef wahdu).

Rat il-fedina tal-imputati li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta incident tat-traffiku, li gara gewwa Hal Luqa, fejn allegatament l-imputati kkawzaw il-mewt tà persuna wara li wiehed mill-imputati tajjar lill-vittma u l-imputat l-iehor ghadda minn fuqu bil-karozza.

Illi xehdet **Profs. Marie Therese Camilleri Podesta** li kkonfermat li kienet ghamlet l-awtospja, flimkien má Dr. Ali, tal-vittma Philip Christopher Attard Scott fejn ikkonfermat li l-kawza tal-mewt kienet frattura tal-kranju u emorogija gewwa l-kranju rizultat tà incident tat-traffiku. Spjegat li apparti minn dawn il-griehi kompatibbli mar-ras, il-vittma kellu *black eye* u ferita kontuza fuq

l-*eye lid* tal-lemin. Qalet li f'partijiet ohra minn rasu 'l isfel, ma kellu l-ebda griehi.

Illi xehed **Dr. Mario Scerri** li kien mahtur mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Neville Camilleri LL.D. bhala perit tekniku fl-inkjesta, qal illi hu kien spjega l-istorja kollha medika tal-vittma dakinhar tal-inkjesta (Dok 'MB1' fil-process). Xehed li l-vittma kien garrab xi griehi tà natura gravi liema griehi gew segwiti bil-mewt gurnata wara l-incident. Spjega li ghandu ritratti tal-vittma tà meta kien ezaminah l-isptar, tà meta miet u anka tà meta kien prezenti waqt l-awtopsja. Spjega li l-vittma kellu kontuzjoni f'rasu, brix superficjali f'wiccu, brix fuq sidru u fl-estremitajiet inferjuri. Qal li l-vittma miet kagun tal-*head injury* li kellu ghaliex il-vittma kien gie ddikjarat li hu *brain dead* l-ghada tal-incident. Fil-kontroezami tax-xhud, gie mistoqsi sabiex jispjega mill-aspett mediku, xi tfisser *crush injuries*. Ix-xhud qal li tfisser li jkollok *pressure* fuq parti mill-gisem. Qal li f'incident tat-traffiku, meta jkun hemm *crush injuries,* ma jfissirx bilfors li vettura tkun ghaddiet minn fuq persuna izda jistà anka jkun li persuna, per ezempju, titghaffeg bejn vettura u bieba jew bejn is-*seat* u d-*dashboard.* Ix-xhud qal li f'dan il-kaz, kif jidher fir-rapport tieghu (Dok 'MS1'), ma sabx evidenza tà *crush*

*injuries*, izda sab *head injury* rizultat tà *blunt trauma.* Ix-xhud qal li rrizultalu li l-vittma miet bi *blunt trauma*. Gie muri r-ritratti tal-karozza l-hamra tal-imputat Warren Cassar fejn spjega li skont kif tidher il-*windscreen* imkissra, hemm mekkanizmu. Spjega li hemm *primary* u *secondary impact*. Qal li *primary* ghaliex il-persuna qalà daqqa u waqà fuq il-*bonnet,* ghaliex *primary* tkun dejjem id-daqqa tal-*bumper* jew tal-*bonnet.* Qal li avolja qalà din id-daqqa, fratturi fil-*lower limbs* ma kellux. Spjega li jistà jkun li l-vittma ghola daqxejn u ntrefà. Qal li dan jistà jidher ghax il-vittma kellu xi abbrazjonijiet fil-genb tieghu. Qal li is-*secondary impact* imbaghad kienet id-daqqa mal-*windscreen* li kkagunatlu l-*massive head injury.* Kompla spjega li kien hemm xi griehi ohrajn li forsi ntlaqat minn vettura ohra izda li kieku rikbet fuqu karozza ohra kienu jidhru anka marki tat-tajers jew *burn marks* tas-shana tà taht il-karozza, izda dawn ma nstabux fuq il-vittma u ghalhekk, ma ssemmewx fir-rapport. Spjega li kull ma kellu daqsxejn lezjonijiet, brix, abbrazjonijiet. Qal li fratturi ma kellu mkien hlief wahda fil-kranju. Spjega li din sehhet bi *blunt trauma* li hi kompatibbli má *windscreen injury.* Kompla qal li l-hsara principali u ewlenija li kellu kienet *massive haemorrhage* u fratturi tà rasu. Stqarr li xorta wahda jistà jkun li l-griehi sehhew kemm mill-ewwel

impatt u kif ukoll mit-tieni. Ix-xhud ikkonferma li l-vittma, fil-hin tal-incident, kien fi stat tà sakra ghaliex il-livell tal-alkohol fid-demm kien gholi. Minkejja dan, xorta wahda jiddependi skont it-tolleranza li ghandu l-persuna, ghax jekk persuna jkun imdorri jixrob kuljum, probabbli ma jigix affettwat mill-alkohol. Dan gie kkonfermat peress li ftit wara l-incident, ittiehdulu xi testijiet. Spjega li dan il-livell tà alkohol jimpedilek il-funzjonijiet normali tal-gisem. Spjega wkoll li skont it-testijiet, irrizulta li fis-sistema tieghu fil-hin tal-incident kellu wkoll ftit kokaina, amfetamina u kif ukoll *opiates.* Qal li rigward l-*opiates,* jistà jkun li nstab fid-demm tieghu ghax l-isptar tawh xi morfina, izda l-kokaina u amfetamina ovvjament irrizultat ghax il-vittma kien ikkonsmahom hu. Stqarr li dawn zgur ma kkawzawx il-mewt izda jistghu jikkagunaw *impairment* tad-decizjonijiet li tiehu persuna. Ix-xhud spjega li din l-evidenza li l-vittma kellu alkohol gholi u xi drogi fis-sistema tieghu, ma ddahhlitx fl-evidenza tieghu fil-bidu tal-proceduri meta xehed l-ewwel darba ghaliex il-kagun tal-mewt zgur li ma kienx minhabba l-alkohol u drogi izda minhabba *head injury.*

Illi l-**Ispettur Jurgen Vella** esebixxa kopja tac-certifikat immarkat Dok 'JV5', mahrug minn Dr. Thomas Armatis mid-Dipartiment tal-

Emergenza tà Mater Dei fejn sa dak il-hin, l-identità tal-persuna kienet ghadha mhux identifikata. Esebixxa wkoll dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali tal-imputat James Micallef (Dok 'JV6'), l-istqarrija tal-istess imputat (Dok 'JV7') l-istqarrija tal-imputat Warren Cassar (Dok 'JV8') u kif ukoll ir-rapport tieghu stess dakinhar tal-incident (Dok 'JV9'). Qal li fl-24 tà Jannar 2014 ghall-habta tà 06:45a.m., il-Pulizija tal-Ghassa tà Hal Luqa rcevew rapport fejn intqal li kien sar incident stradali fejn kien hemm persuna mixhuta fl-art li kellha griehi u kienet intalbet l-assistenza tà ambulanza biex tmur immedjatament fuq il-post. Spjega li l-ewwel nies li waslu fuq il-post kienu s-Surgent PS353 assistit minn PC367 fejn sabu persuna mitluqa mal-art li dak il-hin ma kinitx qieghda ticcaqlaq. Kompla spjega li ftit 'l boghod minn dan il-bniedem kien hemm vettura tal-ghamla Opel Corsa tà lewn ahmar bin-numru tà registrazzjoni WAR 692 li dehret li kellha xi *damages* fuq il-*windscreen* u l-*bonnet.* Ix-xhud qal li rrizulta li din il-karozza kienet qed tinstaq minn certu Warren Cassar, wiehed mill-imputati inkwistjoni. Qal li kienet giet l-ambulanza fejn hadet lill-persuna l-isptar li sa dak il-hin, l-identità tieghu ma kinitx giet stabbilita minhabba li ma kellu ebda dokument tà identifikazzjoni fil-pussess tieghu. Spjega li aktar tard wara l-investigazzjonijiet,

sar maghruf illi l-vittma kienet certu Philip Scott Attard, li kellu passaport Ingliz. Ix-xhud kompla jghid li fuq il-post gie stabbilit illi kien hemm vettura ohra involuta liema vettura ghal xi raguni kienet telqet minn fuq il-post tal-incident. Minn iktar investigazzjonijiet, kien sar maghruf illi din il-karozza kienet tal-ghamla Ford Escort bin-numru tà registrazzjoni BBS 347 fejn irrizulta li kienet qieghda tinstaq minn certu James Micallef fejn sussegwentement, Micallef kien instab u ttiehdet il-karozza tieghu l-ghassa ghal aktar investigazzjonijiet. L-Ispettur kompla xehed li fuq il-post tal-incident, kienu kellmu xi nies, fosthom certu Malcolm Russel Azzopardi li spjega x'kien gara. Qal illi huwa kien qieghed fit-traffiku u wara li kien hemm incident, kien ra ragel mitluq mal-art u sussegwentement kien hemm il-vettura Ford Escort li allegatament kienet telghet fuq din il-persuna wara li l-persuna kien digà mal-art, fejn kompla jghid li xi nies kienu waqfuh u qalulu li kien ghadu kif telà fuq persuna bil-karozza tieghu. Qal li xi nies kienu marru jghinu lil din il-persuna biex jghollu l-karozza halli johorgu l-persuna minn taht il-karozza. Qal li kif ghamlu hekk, is-sewwieq tal-Ford Escort, jigifieri James Micallef, qabad jghajjat man-nies li kien hemm fuq il-post u jghidilhom *"Intom hekk taghmlu, hekk taghmlu wara incident tat-*

*traffiku, ma taghmlux sinjal"*, u wara ftit rikeb fil-karozza u telaq minn fuq il-post. L-Ispettur kompla jixhed u qal li gie stabbilit li dakinar tal-incident, fit-triq ma kienx hemm *streetlights* u li kienet hafna xita. Qal li sar maghruf ukoll wara li ccekjaw mal-isptar li l-persuna fl-incident kien qieghed fil-periklu tal-mewt u ghalhekk, kienu infurmaw lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Neville Camilleri fejn kien innomina diversi esperti sabiex jghinuh fl-inkjesta. Qal li l-ghada tal-incident, il-Pulizija kienu gew infurmati minn Dr. Jaima Adrucic mit-taqsima tal-ITU li Philip Scott Attard kien gie ccertifikat mejjet fejn tlett ijiem wara, fit-28 tà Jannar, kienet saret l-awtopsja fuq il-kadavru fejn gie stabbilit li l-kawza tal-mewt kienet relatata má *skull injuries.* Spjega li fit-30 tà Jannar, kien kellem lill-imputat Warren Cassar fejn qabel kellmu kien tah it-twissija u d-dritt li jikkonsulta má avukat fejn l-imputat kellem lil Dr. Zammit McKeon, fejn fl-*istatement* tieghu, l-imputat kien qal li dakinhar kienet hafna xita u f'daqqa wahda minn quddiem il-karozza tieghu, ra dell tà persuna taqsam min-naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug. L-imputat qal li prova jwaqqaf il-karozza biex jevita l-impatt però ma rnexxielux u laqat il-persuna bin-naha tal-lemin tal-vettura b'konsegwenza li l-persuna waqà mal-art u ma bediex jiccaqlaq. Spjega li hu baqà fil-karozza u ftit

mumenti wara giet karozza minn warajh, ippruvat taqbzu biex tibqà sejra però telghet fuq il-persuna li kien ghadu kemm tajjar hu. Qal li f'dak il-hin kien hemm kommossjoni, fejn xi nies ghamlu sinjal lil dan ix-xufier sabiex jieqaf halli jkunu jistghu jaqilghu lil dan il-persuna li safa mtajjar ftit qabel minn taht it-tieni karozza. Spjega li kif sar hekk, ix-xufier li ghadda minn fuq il-persuna regà dahal fil-karozza u baqá sejjer, però Warren Cassar qal li hu stess ha n-*number plate* tax-xufier l-iehor. Warren Cassar qal li bhala prekawzjoni hu kien xeghel il-*hazard lights* u dahal jistenna fil-karozza peress illi kienet ix-xita. L-Ispettur qal li mbaghad l-ghada, fil-31 tà Jannar, kien kellem lit-tieni xufier, jigifieri James Micallef, fejn tah it-twissija u d-dritt li jkellem avukat però hu ghazel li ma jaghmilx dan u fl-*istatement* tieghu qal li dakinhar tal-incident, kien sejjer iwassal lil huh Brian gewwa l-kamra tan-nar tà Hal Luqa. James qal li kien ra vettura wieqfa quddiemu, però ma ra xejn fin-nofs, u ghalhekk prova jaqbez il-vettura tà Warren Cassar u kif qabzu, hass xi haga, però ma kienx jaf minn fuq xiex kien ghadda. Qal li kien waqfu persuna li infurmah li kien ghadu kemm ghadda minn fuq persuna. James qal li dak il-hin kien ghadu kemm telá fuq il-gisem biss bl-ewwel rota u ghalhekk, kien hemm tentattivi min-nies li kien hemm fil-madwar biex jghollu l-karozza

u James qabad il-persuna minn saqajh u hargu minn taht il-karozza. James qal li dak il-hin beda jinkorla man-nies li kien hemm fejn qalilhom *'intom hekk taghmlu, persuna fl-art u ma taghmlu l-ebda sinjal'.* Qal li dak il-hin ippanikja u harab minn fuq il-post u baqá sejjer lejn l-inhawi tal-Imqabba fejn imbaghad baqá sejjer fuq il-post tax-xoghol.

## IKKUNSIDRAT

Il-Qorti rat l-istqarrija tà **James Micallef** fejn qal li dakinhar tal-incident, kien telaq ghall-habta tas-06:00a.m. mid-dar tal-kunjata l-Iklin fejn wara mar ghand huh San Gwann u qabdu t-triq lejn il-kamra tan-nar tà Hal Luqa. Spjega fid-dettal minn fejn ghaddew fejn fl-ahhar gibed ghal Hal Farrug sabiex iwassal lil huh il-kamra tan-nar Sant'Andrija tà Hal Luqa. Qal li dakinhar kienet niezla hafna xita. Spjega li kif wasal hdejn il-*yard* tal-Express, ra zewg karozzi weqfin, wahda hamra li kienet quddiemu thares lejn in-naha tal-Lufthansa u ohra bajda li kellha wiccha bil-kontra. Spjega li hu naqqas il-gass u lil huh qallu li probabbli kien hemm xi habta. Hares lejn il-karozza l-hamra u dak il-hin ma ra li kellha l-ebda hsarat, u ghalhekk, qal li baqá tielá u kif wasal mat-tieqa tal-

karozza l-bajda, li kien vann, hass xi haga taht il-karozza u qisu tliet sekondi wara, gie tal-vann u qallu *"mela ma rajtux ghadu kemm tajru wiehed".* L-imputat James qal li rrealizza li l-hoss kien tà persuna u nizel il-karozza. Spjega li hekk kif nizel, sab persuna mal-art wiccha 'l isfel, fejn kellu saqajh 'l barra mill-karozza u l-kumplament tà gismu kien taht il-karozza. Qal li r-rota tà quddiem tan-naha tax-xufier kienet digá qabzet lil din il-persuna. Qal li dak il-hin kien hemm kommissjoni u huh nizel mill-karozza rrabjat u qal lin-nies *"mela qed tiggennu hallejtu persuna fl-art, issa wahlu fina tá".* L-imputat spjega li sakemm huh kien qieghed jilletika, hu fetah il-bagoll tal-karozza biex johrog il-gakk fejn in-nies refghu minn quddiem, u hu gibed lill-persuna li kienet taht il-karozza 'l barra u staqsa lil tal-vann jekk kellhomx xi lizar. Qal li tal-vann kellu *vest* imwahhla mal-karozza u talbu biex itihulu halli jiftahha fuq il-persuna li kien mal-art halli jidher. Kompla jistqarr li wara li kulhadd dahal lura fil-karozza tieghu, hu u huh dahlu l-ahhar fil-karozza u staqsa lil huh jekk kellux xi lizar jew bicca plastik fejn huh qallu li kellu fil-kamra tan-nar. L-imputat startja u telaq lejn il-kamra sabiex igib il-plastik. Spjega li wassal lil huh, tah lizar u telaq lura. Qal li hu u hiereg minn fejn il-kamra direzzjoni lejn l-incident, ra hafna traffiku u ghalhekk, gibed lejn is-Siggiewi biex

jghaddi ghall-Imqabba. Qal li ghadda minn taht il-mini tà hdejn l-ajruport, gibed lejn Hal Luqa u mar biex jergá jidhol minn hdejn l-Express. Spjega li kif wasal fejn l-entratura tal-post hdejn l-Express, ra l-pulizija u bezá. Qal li staqsa lill-pulizija jekk jistax jidhol fit-triq però ma qallux li hu kien involut fl-incident u ghalhekk, cempel lil huh u staqsieh jekk kienx cempel lill-pulizija hu ghax l-imputat fl-ebda hin ma cemplilhom. Huh qallu li kien cempel però ma qalilhomx li huma kienu involuti fl-incident. Qal li dak il-hin, deherlu li l-ahjar li jmur ix-xoghol, izda mbaghad cempillu huh u qallu sabiex imur l-ghassa ghax bdew iffitxuh il-pulizija, u ghalhekk, mar l-ghassa tà Rahal Gdid. L-imputat qal li l-incident kien sehh xi 06:20a.m. u ghalhekk kien id-dlam izda qal li kellu dawl fil-karozza. Qal li waqt li kien diehel fi Triq Hal Farrug, ma kienx hemm karozzi jsuqu qablu u qal ukoll li l-karozza hamra li kienet involuta wkoll fl-incident fl-ebda hin ma ra miexja quddiemu. Qal li meta wasal vicin il-karozza l-hamra, is-sewwieq tal-karozza hamra ma rahx, la fil-karozza u lanqas barra. Gie mistoqsi jekk il-karozza l-hamra kellhiex id-dawl mixghul, wiegeb li ma jiftakarx u qal ukoll li ma kellux idea jekk il-*hazard lights* tal-karozza l-hamra kinux mixghulin jew le. Spjega li meta ra l-karozza l-hamra wieqfa, naqqas il-gass u baqá ghaddej fi triqtu.

Spjega li l-karozza l-hamra kienet qieghda metru 'l barra minn mal-hajt izda l-bankina kienet ghadha ma bdietx. Qal li kkalkula li kien mexa 'l boghod tà tliet karozzi mill-karozza l-hamra qabel ma sab lil din il-persuna u telá fuqha. Qal li lill-persuna ma rahx jiccaqlaq. Qal li ras il-persuna kienet taht il-karozza mentri minn zaqqu 'l isfel kienu 'l barra minn taht il-mera tal-genb. Spjega li fl-ebda hin ma ghafas il-brejk tal-karozza ghax x'hin telá fuq xi haga li kien ghadu ma jafx x'inhi, ghafas il-gass biex jinqalá minn maghha ghax ma kienx jaf x'inhi. Qal li ma kinitx tidher li hi persuna. Qal ukoll li zgur ma kienx qieghed isuq b'velocità. Spjega li meta persuna qallu 'mela ma rajtux?', l-imputat fehmu mal-ewwel ghax waqqaf il-karozza minnufih. Stqarr li kieku ma sabuhx il-pulizija, jahseb li kien imur jirrapporta xorta wahda.

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrija tà **Warren Cassar** li qal li dakinhar tal-incident, hu kien telaq mid-dar ghall-habta tas-06:15 a.m. Qal li telaq minn Hal Qormi u ghadda minn Triq Hal Luqa. Spjega li kif wasal hdejn l-Express Trailers, dar mar-*roundabout* fejn imbaghad gibed lejn Triq Hal Farrug direzzjoni lejn l-Imqabba. Qal li kif kien tielá fuq il-*lane* tieghu, il-velocità tieghu kienet tà madwar 40km/h minhabba li dakinhar kienet niezla x-xita u t-triq kienet mudlama.

Spjega li kif wasal fuq il-post tal-incident, kien hemm il-karozzi gejjin min-naha opposta tieghu bid-dwal jixghelu go ghajnejh però xorta kien qieghed jara quddiemu. Qal li f'daqqa wahda harget persuna minn bejn zewg karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta tieghu. Qal li ra dell tà ragel ghaddej jigri minn quddiem id-dwal tal-karozzi. Spjega li kull ma kellu cans hu li jitfá saqajh fuq il-pedala tal-brejk ghax il-persuna li kien qieghed jaqsam jigri gie ezatt quddiemu. Qal li apparti x-xita u d-dlam il-persuna ma tantx kien qieghed jidher peress li kien liebes kollox skur. Qal li kif ghafas il-brejk, din il-persuna hadet impatt mal-karozza tieghu fuq in-naha tax-xufier u kif waqqaf il-karozza, din il-persuna giet 'l boghod mill-karozza tieghu tul tà metru wara l-impatt. L-imputat stqarr li dak il-hin xeghel il-*hazards* mill-ewwel u hareg il-*mobile* sabiex icempel lill-ambulanza ghall-ghajnuna izda qal li sakemm nizel mill-karozza, kien hemm digá ragel, li l-imputat ma kienx jaf min hu, li cempel lill-ambulanza ghax l-imputat kien fi stat tà paniku. Qal li peress li kienet niezla x-xita, regá dahal fil-karozza tieghu u cempel lil ommu. Spjega li sadanittant, tà warajh fettillu jaqbzu u l-imputat kull ma semá kien ragel li waqaf biex jaghti l-ghajnuna jghid 'ara ha jitlá fuqu'. L-imputat stqarr li lanqas lahaq qal din is-sentenza li ma rax karozza

tal-ghamla Ford Escort bajda li telghet fuq il-persuna li kien laqat qabel hu. Qal li dak il-hin, is-sewwieq tal-Ford Escort hareg mill-karozza u beda jghajjat maghhom u jghid li huma m'ghamlu xejn sabiex dan il-persuna jidher. L-imputat qallu li ma kellhomx cans ghax kien ghadu kif gie mtajjar ftit sekondi qabel. L-imputat spjega li mbaghad, hu u tliet persuni ohra qabdu l-karozza, ghollewha u hargu lill-vittma minn tahta izda qal li ma jafx min gibed il-vittma barra minn taht il-karozza. Qal li kif inhareg il-vittma, is-sewwieq tal-Ford Escort saq ftit u tefá l-karozza quddiem il-karozza tieghu u qabad jghajjat maghhom. Qal li kien hemm persuna li baqá hemm sabiex jidderigi l-karozzi sakemm gew il-pulizija. Qal li f'hin minnhom cemplet ommu u ghalhekk dahal fil-karozza sabiex jirrispondiha, izda f'daqqa wahda, semá lix-xhud li beda jidderiegi l-karozzi jghid *"ha jahrab, ha jahrab".* Warren Cassar qal li ra lis-sewwieq tal-Ford Escort jitlaq minn fuq il-post u mar jigri warajh izda ma setax jilhqu. Spjega li kif dar lura, ir-ragel li kien hemm qallu li lahaq hadlu n-numru tar-registrazzjoni lis-sewwieq tal-Ford Escort u malli gew il-pulizija, tawulhom. Spjega li dak li kien qieghed jidderiegi l-karozzi gab *florouscent vest* sabiex ipoggiha fuq il-vittma biex jidher sew. Warren Cassar spjega li d-dawl tal-karozza kien mixghul u qal li

dahal l-ABS mal-ewwel ghax hu hasad il-brejk u fil-fatt ma damx biex waqaf ghax ma kienx ghaddej b'velocità qawwija. Qal li minn x'hin tajru hu sa mal-persuna l-ohra ghaddiet minn fuqu, ghaddiet qisha minuta. Meta gie mistoqsi jekk qabel l-incident, il-karozza tà warajh kinitx qed issuq warajh jew le, l-imputat qal li jimmagina li tà warajh, rah itajru ghax kien jidher mill-mera. Qal li jidhirlu li x'hin laqat il-persuna, ra dawl tà karozza warajh. Qal li x'hin laqat il-vittma, hu nizel minn gol-karozza fejn ra lill-vittma mixhut mal-art. Spjega li ma missx lill-vittma ghax beda jibzá. Irrimarka li x'hin gara l-incident xeghel il-*hazard lights.*

Illi xehed **Malcolm Russel Azzopardi** li kien prezenti dak il-hin tal-incident. Qal li dakinhar hu kien sejjer lejn ix-xoghol fejn ra guvni, f'karozza hamra, itajjar lil xi hadd iehor. Qal li kien ingabar it-traffiku u kif ingabar dan it-traffiku, kien hemm karozza bajda tal-ghamla Ford li kien gej min-naha tà Hal Luqa lejn id-direzzjoni tas-Siggiewi fejn qabez 4 karozzi u sfortunatament ghaffeg lill-persuna li kien mal-art milqut mill-ewwel karozza. Qal li dak il-hin, hu dahal fin-nofs sabiex hadd izjed ma jghaddi minn dik in-naha. Qal li wara li tal-Ford ghadda minn fuq il-persuna, hareg mill-karozza u beda jghajjat man-nies u jghidilhom li m'ghamlux

sinjal sabiex jidher li hemm persuna mal-art. Spjega li kienu xi 4 jew 5 li ghollew il-karozza sabiex johorgu l-persuna minn taht il-karozza. Kompla jixhed li x-xufier li ghadda minn fuq il-persuna, mexa ftit 'l quddiem u wara li xebá jghajjat maghhom, qabad u telaq minn fuq il-post. Stqarr li dakinhar kienet niezla hafna xita. Fil-kontroezami, gie mistoqsi ghaliex fl-ezami li kien sarlu primarjament, kien qal li l-karozza Ford, jigifieri l-karozza tal-imputat James Micallef qabzet 4 jew 5 karozzi, meta lanqas lill-pulizija ma kien qalilhom hekk dakinhar li sar l-incident. Gie infurmat ukoll li lanqas l-imputat l-iehor Warren ma kien qal li x-xufier tal-Ford qabez 4 jew 5 karozzi ghax qal li l-karozza kienet ezatt warajh. Ix-xhud stqarr li probabbli dakinhar li sar l-incident ma kienx ftakar jghidilhom lill-pulizija. Qal ukoll li mhux cert tà x'kien gara ezatt izda assuma li tal-karozza Ford kien ghadda min-nofs mat-traffiku li kien hemm. Spjega kif dakinhar tal-incident, it-triq kienet fi stat dizastru ghax kellha hafna hofor, ma kienx hemm bankini u lanqas biss kien hemm dwal. Qal li rigward temp, kienet niezla hafna xita. Spjega li kien hemm distanza tá bejn wiehed u iehor ghaxar karozzi bejnu u l-imputat Wayne. Qal li ma ra lil hadd jaqsam it-triq u ma ra lil hadd mal-art. Qal li hu ma ra xejn fil-karozza tal-imputat Wayne u ma jaf assolutament xejn fuq

l-incident. Rigward l-imputat James, filwaqt li gharfu fl-Awla, ix-xhud kompla spjega li kien lahaq gie izjed vicin, daqs erbá karozzi distanza. Spjega li minkejja li kien ghadu ma jafx li hemm persuna mal-art, f'daqqa wahda ra lill-imputat James ghaddej. Spjega li rah gej mill-vojt tat-triq, jigifieri qisu bejn iz-zewg karreggjati, peress li t-triq kienet wieghsa. Kompla spjega li ra lill-imputat James jaqbez il-karozzi u waqaf fuq il-persuna li kien hemm mixhuta mal-art, billi ghadda bit-tajer tà quddiem minn fuqu. Spjega li milli jidher, l-imputat James ma ndunax li kien hemm xi hadd fin-nofs. Ix-xhud qal li dak il-hin iddecieda jieqaf sabiex johrog mill-karozza u jipprotegi l-vittma. Qal li hu flimkien má xi hamsa ohra ghollew il-karozza min-naha tà quddiem tal-passiggier u dak li kien fil-karozza mal-imputat James gibdu minn saqajh. Spjega li r-raguni ghaliex kellhom jghollu l-karozza kienet ghax il-vittma kien ghadu bil-kaxxa tà sidru taht il-karozza. Qal li kellu l-kaxxa tà sidru catta mas-*sideboard* tal-karozza. Qal li minkejja li kellu *first aid kit*, ma felahx jghin lill-vittma apparti jgholli l-karozza biex jinhareg minn tahta, ghax stqarr li l-kundizzjoni tal-vittma kienet tidher wisq hazina.

Illi xehed **Joseph Debattista** li dakinhar tal-incident kien jinsab it-tielet karozza, il-karozza l-hamra li tajret lill-vittma, it-tieni karozza tà lewn abjad li ghaddiet minn fuq il-vittma, imbaghad hu. Spjega li kien qieghed isuq u ra xi haga ttir fuq in-naha tal-lemin izda ma kienx cert jekk hux persuna jew xi borza. Ghalhekk, gie ikkawzat hafna traffiku, u qal li xi mumenti wara, it-tieni karozza saqet ghal fuq il-persuna. Spjega li wara ftit, kien hemm stat tà konfuzjoni u paniku. Qal li kien hemm xi nies hargu l-persuna minn taht il-karozza. Spjega li t-tieni karozza saqet u mar mal-genb, imbaghad wara ftit hin, saq u telaq minn fuq il-post. Spjega li x'hin telá fuqu, bdew jghajtu n-nies *"ieqaf, ieqaf, ieqaf, ghax tlajt fuq xi hadd".* Qal li mbaghad gew bejn 4 u 5 min-nies. Qal li l-velocità tal-karozzi kienet forsi 40 jew 50 ghax kienet ix-xita u dlam. Ix-xhud qal li hu baqá fil-karozza. Fil-kontroezami, gie mistoqsi jekk kienx ra kif intlaqtet il-vittma. Qal li ma kienx ra kif intlaqat ir-ragel izda kien ra xi haga titgerbeb li ma kienx cert jekk kinitx persuna jew xi borza. Qal li l-'haga' li kienet qed titgerbeb marret f'nofs tat-triq u qal li sakemm ra din titgerbeb, il-karozza l-hamra kienet ipparkjata fuq in-naha tax-xellug. Spjega li ma jiftakarx jekk il-karozza l-hamra kinitx bil-*hazard lights* mixghulin. Qal li baqá fil-karozza sakemm ghollew il-karozza u

hargu l-vittma minn tahta, imbaghad saq tat-tieni karozza, jigifieri tal-Ford, u hu saq ukoll. Qal li mbaghad kif wasal ix-xoghol, kien hemm min staqsih jekk ihossux komdu li jaghti xhieda tieghu. Fil-kontroezami li regá sar, qal li dakinhar kien hemm daqsxejn traffiku fiz-zewg direzzjonijiet, specjalment peress li kienet ix-xita. Spjega li f'dik it-triq, ma kienx hemm dwal tal-Gvern dak iz-zmien. Qal li dak iz-zmien lanqas bankina ma kien hemm. Qal li kemm hu u kif ukoll iz-zewg karozzi tà quddiemu, taz-zewg imputati, kienu qeghdin isuqu b'xi 40 jew 50km fis-siegha fejn f'daqqa wahda ra xi haga qisu qed taqá, li ma kienx cert x'inhi, imbaghad ra l-brejks jixghelu tal-ewwel karozza. Stqarr li ma kien ra lil hadd jaqsam peress li kien id-dlam u kienet niezla x-xita u ghalhekk, ma kellux vizjoni cara. Spjega li sa ma gara t-tieni impatt bit-tieni karozza, kien ghadu ma hareg hadd, izda meta gara t-tieni impatt, bdew jieqfu l-karozzi u hargu bejn 4 u 5 min-nies. Spjega li ra t-tieni karozza jikser fuq in-naha tal-lemin minghajr ma xeghel l-*indicator* u telá fuq il-gisem tal-vittma bit-tajer tal-lemin tan-naha tax-xufier fuq quddiem. Spjega li mbaghad ra t-tieni karozza tigi ggakkjata b'gakk tal-mekkaniks fejn in-nies hargu lill-vittma minn taht il-karozza mbaghad ix-xufier tat-tieni karozza saq u telaq 'l hemm.

Illi xehed **il-Perit Richard Aquilina,** li kien gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel pjanta tal-post tà fejn sar l-incident, fejn esebixxa l-pjanta li giet immarkata bhala Dok 'RA1'.

Illi xehed **Dr. Ali Salfraz** li kien ghamel l-awtopsja fuq il-vittma u qal li kienu kkonkludew li l-mewt tal-vittma sehhet minhabba griehi li kellu f'rasu u *intracranial haemorrhage,* li sehhet kawza tà incident tà karozza.

Illi xehed **PS 353 Antoine Sacco** li qal li dakinhar tal-incident, kien ircieva telefonata fejn gie infurmat li hemm incident stradali fi Triq Hal Farrug, Hal Luqa. Qal li hu mar fuq il-post minnufih fejn sab vettura wieqfa tal-ghamla Opel Corsa tà lewn ahmar bin-numru tà registrazzjoni WAR 692, fejn hdejha ezatt man-naha tal-lemin sab persuna mixhuta mal-art rasha 'l isfel. Ix-xhud innota li l-persuna kienet qed tiehu nifsijiet spissi. Qal li l-ambulanza kienet giet minnufih fuq il-post fejn hadet il-persuna l-isptar, li sa dak il-hin kienu ghadhom ma identifikawhiex. Spjega li dakinhar kienet niezla x-xita u qal li fit-triq ma kienx hemm *street lighting.* Qal li fuq il-post tkellem má persuna li kien fuq il-post fil-hin tal-incident bl-isem tà Malcolm Russel Azzopardi fejn kien infurmah li

ra persuna b'vettura tghaddi minn fuqu. Malcolm spjega lill-pulizija li x-xufier tal-Opel Corsa, jigifieri dak li tajjar lill-persuna waqaf. Qal li l-Opel Corsa tajret lill-persuna, il-persuna waqfet fin-nofs tat-triq, u vettura ohra li kienet gejja mid-direzzjoni tal-Opel Corsa, ghamlet *overtaking* sabiex taqbez l-Opel, ghadda minn fuq il-persuna li kien hemm mal-art, u baqá sejjer. Qal li t-tieni vettura kienet misjuqa mill-imputat James, bin-numru tar-registrazzjoni BBS 347. Spjega li kien kellmu fl-ghassa tà Rahal Gdid fejn imbikkem kien qallu li telaq minn fuq il-post ghax kien imbezzá izda xtaq imur lura. Xehed li l-imputat qallu li infatti kien dar lura biex jergá jmur fuq il-post, izda ra xi pulizija u beda jibzá u ghalhekk iddecieda li ma jmur xejn lura fuq il-post tal-incident. Qal li fuq il-post, il-pulizija kienu kellmu lis-sewwieq tal-Opel ftit fejn kull ma kien qalilhom li kien ghaddej u f'daqqa wahda ra xi haga u baqghet diehla fil-karozza tieghu. Spjega li bhala hsarat, l-Opel kellha l-*bumper* tà quddiem, il-*bonnet* u l-*windscreen* fuq in-naha tal-lemin. Ix-xhud esebixxa zewg settijiet tà dokumenti, wiehed b'numru tà ritratti, fosthom ritratt li juri fejn spicca l-basket tal-vittma, il-hsarat tal-karozza Opel u fejn instab il-persuna wara l-incident (Dok 'AS1'), u kif ukoll l-okkorrenza (Dok 'AS2').

Illi xehdet **Karen Cremona** in rapprezentanza tà Transport Malta li esebiet dokument immarkata Dok 'KC1', fejn qalet li l-vettura Ford Escort tà kulur abjad bin-numru tà registrazzjoni BBS 347 hi rregistrata fuq James Micallef (K.I. Nru 563890M) u li ilha rregistrata fuqu mil-2007, filwaqt li l-vettura Opel Corsa tà lewn ahmar bin-numru tà registrazzjoni WAR 692 hi rregistrata fuq Warren Cassar (K.I. Nru 424692M) u ilha rregistrata fuq ismu mill-2014. Qalet li l-imputat James ghandu licenzja valida sabiex isuq mutur u karozza, u l-imputat Warren ghandu licenzja valida sabiex isuq karozza.

Illi xehed **Brian Micallef** li spjega li dakinhar tal-incident, kien qieghed f'karozza tal-ghamla Ford tà kulur abjad, mal-imputat James, li huwa huh. Spjega li dakinhar kienet niezla x-xita u kien ghadu dlam cappa ghax kien xi 06:30 a.m. Qal li kienu qabdu t-triq tà Hal Farrug fejn quddiemhom ma kienx hemm karozzi. Qal li kif waslu hdejn il-bandli, kien hemm zewg karozzi, wahda hamra wieqfa fil-genb u ohra bajda, fejn l-imputat James kien qallu *"kif taghmel ix-xita hawn dejjem jahbtu"* u ghalhekk, hasbu li kien hemm xi habta. Spjega li mxew ftit iehor u f'daqqa wahda wehlu má xi haga li kienet fin-nofs. Ix-xhud qal li kien hemm ragel fil-

genb li beda jghajjat *"mela ma rajtuhx ghadu kemm tajru bniedem".* Spjega li dak il-hin, hu u l-imputat James keshu u nizlu mill-karozza. Qal li raw bniedem taht il-karozza wiccu 'l isfel. Spjega li kellu l-parti tà fuq tà gismu fuq wara tar-rota tan-naha tax-xufier u l-bqija tà gismu barra l-karozza fuq in-naha tal-lemin. Ix-xhud qal li hu nizel mahruq mill-karozza ghax qal li l-persuna messha ma thallitx f'nofs tà triq. Spjega li l-imputat James qabad il-gakk tal-karozzi sabiex jgholli l-karozza izda x-xhud qallu *"le, le, ara ma jfettillekx tiggakkjaha".* Qallu biex jerfghu l-karozza minn naha tà fejn kien hemm il-vittma mal-art sabiex johorguh. Kif ghamlu dan, ghattewh b'*vest*. Spjega li waqt li kien hemm hafna paniku, talab lil xi hadd jaghtih *mobile*, ghax tieghu ma setax isibu dak il-hin bil-genn, u cempel lill-emergenza fejn l-emergenza qalulhom li kienu diga` cemplulhom sabiex imorru fuq il-post. Qal li regghet qabdet ix-xita u ghalhekk regghu dahlu fil-karozza, izda kif ix-xita battiet ftit, regá hareg minn gol-karozza u mar imiss il-persuna li kien hemm mal-art u hassu kiesah silg, u ghalhekk, regá dahal fil-karozza u qal lill-imputat James biex imorru jgibu bicca lizar mill-kamra tan-nar sabiex jghattuh. Qal li telqu u kif kien qieghed il-kamra tan-nar, cempel l-ghassa tà Hal Luqa sabiex jara jekk waslitx l-ghajnuna, izda ma qalilhomx li hu

u huh kienu involuti fl-incident. Qal li baqá l-kamra izda l-imputat James kellu jmur lura bil-kutra. Qal li kull ma kien sar jaf minghand l-imputat kien li cempillu u qallu *"l-ghajnuna waslet",* izda ma jafx x'gara wara.

Illi xehed **PC367 Michael Sacco** li qal li dakinhar tal-incident kienu rcevew telefonata li kien ghadu kif sehh incident fi Triq Hal Farrug, Hal Luqa. Spjega li immedjatament, hu flimkien mas-Surgent PS353, marru fuq il-post fejn innotaw persuna mal-art f'nofs tat-triq li kienet wiccha 'l isfel. Qal li dak il-hin qabad il-*mobile* u cempel lill-ambulanza fejn avzawh li kienu diga` fi triqithom fuq il-post. Qal li hu mar jikkontrolla t-traffiku u s-Surgent mar jiehu l-verzjonijiet dwar l-incident tà min kien hemm fuq il-post. Spjega li kien hemm l-imputat Warren Cassar, li gharfu gewwa l-Awla, li kellu l-karozza tieghu tal-ghamla Opel, bin-numru tà registrazzjoni WAR 692 fuq il-post. Qal li ftit tal-hin wara, giet l-ambulanza fejn hadet il-persuna lejn l-isptar. Spjega li x'hin waslet l-ambulanza fuq il-post, in-*nurses* li marru jassistuh qalu li kien ghadu haj. Spjega li l-fatti tà kif gara l-incident sar jafu biss minghand is-Surgent mill-verzjoni li ha mix-xufier, ghaliex hu ma kienx prezenti waqt li kien qed jehodlu l-verzjoni. Qal li l-karozza

Opel kellha hsarat fil-*bumper, bonnet* u *windscreen.* Qal li dakinhar, it-temp ma kienx tajjeb u kienet niezla hafna xita u kien ghadu kwazi lanqas sebah. Qal li fit-triq, ma kienx hemm dwal.

Illi xehed **Dr. Mario Buttigieg** li spjega li dakinhar tal-incident, kienet niezla x-xita u kien ghaddej certu ammont tà ilma fit-triq. Qal li dwal ma kienx hemm ghax peress li hemm hafna sigar fit-triq. Il-ftit dwal li hemm, kien mghotti bis-sigar stess, u ghalhekk, it-triq kienet kwazi dlam cappa. Rigward id-dawl tal-karozza misjuqa mill-imputat James, spjega li d-dawl ma kellux l-*alignment* tajjeb ghax flok ihares dritt kien harira angolat lejn il-lemin. Qal li sinjal tà dan, l-imputat kellu izjed dawl fuq in-naha tal-lemin u suppost, jekk il-vittma qasam min-naha tal-lemin, setá jarah izjed. Qal li din hi xi haga li tkun saret b'nuqqas tà *maintenance* fil-karozza. Ikkonferma li l-karozza tal-imputat Wayne kellha hsarat fuq il-*windscreen* u daqqa fuq il-*bonnet* li kienet fuq quddiem fin-naha tal-lemin. Spjega li l-post fejn sar l-incident hu post dizabitat u fejn kull ma hemm bankina hi fuq in-naha tax-xellug, jigifieri d-direzzjoni tà fejn kienu qeghdin isuqu l-karozzi involuti fl-incident. Skond kif dehret id-daqqa fuq il-*windscreen,* ix-xhud setà jikkonstata li l-imputat Warren kien

ghaddej b'velocità tà bejn hamsin u sittin kilometru fis-siegha, jigifieri inqas minn sebghin, li huwa s-*speed limit* f'dik it-triq. Rigward l-imputat James, ix-xhud ikkonferma li kien ghadda bil-karozza minn fuq il-vittma. Spjega li l-karozza ma kellha l-ebda hsara hlief slieh minn taht, u marki tal-vittma 'l fuq mix-xaft tar-rota. Ikkonferma li l-imputat James baqá tiela fuq il-gisem tal-vittma ghax kien hemm il-marki tat-tajer jidhru fuq il-gakketta tal-vittma. Spjega izda li fir-rapport kien ikkonkluda li z-zewg sewwieqa naqsu milli jiehdu a *proper lookout* fit-triq, peress li l-imputat Wayne ra lill-vittma jaqsam minn bejn iz-zewg karozzi u baqá ghaddej filwaqt li l-imputat James baqá ghaddej minn fuqu waqt li kien qieghed mitluq mal-art. Stqarr li l-imputat James, la setà jghid li l-vittma qasam minn bejn zewg karozzi, ifisser li iktar u iktar kellu ghalfejn jieqaf.

Illi xehed **l-imputat Warren Cassar** li qal li dakinhar tal-incident, hu kien fi triqtu lejn ix-xoghol. Spjega li dakinhar, kienet niezla hafna xita u kien ghadu d-dlam, kemm peress li t-temp kien hazin u anka peress li dwal tal-Gvern f'dik it-triq ma kien hemm xejn. Qal li t-triq ma tantx kienet f'kundizzjoni tajba ghax lanqas linji mal-art ma kien hemm. Qal li dakinhar, it-traffiku fil-*lane* tan-naha tieghu

kien qieghed spazjat u miexi, u fil-*lane* l-ohra kien miexi daqxejn izjed bil-mod. Peress li kien hemm it-traffiku, il-velocità tal-karozza tieghu kienet madwar 40km fis-siegha. Qal li f'daqqa wahda sab persuna quddiemu li gie min-naha tal-lemin. Qal li kull ma kellu cans jitfá saqajh fuq il-brejk biex jieqaf izda l-persuna hadet l-impatt man-naha tal-fanal tal-lemin, intrikbet fuq il-*bonnet* u habtet mal-*windscreen* man-naha tax-xufier, u mbaghad izzerzaq qisu metru 'l boghod lejn il-*lane* l-ohra. Spjega li dak il-hin friza bil-qatgha u xeghel il-*hazards* u nizel mill-karozza halli jara x'gara. Qal li kien qed ihossu mfixkel u ppanikjat u kien hemm persuna ohra li offrielu li jcempel hu lill-ambulanza. Qal li sakemm il-persuna l-ohra beda jcempel lill-ambulanza, hu cempel lil ommu biex jispjegalha x'gara. Spjega li sakemm gara dan kollu, semá lil xi hadd jghid *"ara ha jitlá fuqu"* u ra karozza tielá fuq il-persuna li kien hemm mal-art. L-imputat kompla jghid li din il-karozza kienet qieghda warajh u kienet ghaddiet minn bejnu u bejn il-karozzi li kienu nizlin min-naha opposta. Qal li hu u xi nies ohra ghollew il-karozza Ford Escort u xi hadd hareg il-vittma minn tahta. Spjega li kif hargu l-vittma minn taht il-karozza, ix-xufier tal-Ford Escort, jigifieri dak li ghadda minn fuq il-vittma, tefá l-karozza quddiemhom u beda jparla fejn qalilhom li misshom

ghattew il-persuna. Spjega li lis-sewwieq tal-Ford qallu li l-incident kien ghadu kif sehh dak il-hin stess. Qal li cemplitlu ommu sabiex tara fejn qieghed u x'hin wiegibha, semá lil xi hadd jghid *"ara ha jahrab"* u rrealizza li x-xufier li ghadda minn fuq il-vittma bil-karozza saq u telaq 'l hemm. L-imputat qal li prova jigri warajh izda ma lahqux. Qal li n-nies li kienu hemm kienu qalulu li kienu hadulu n-*number plate* tal-Ford u kif marru l-pulizija fuq il-post, tawhom in-numru.

**IKKUNSIDRAT**

Illi rat it-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni;

Rat in-nota tà sottomissjonijiet tal-imputat James Micallef u n-nota tà sottomissjonijiet responsiva tal-imputat Warren Cassar;

**IKKUNSIDRAT**

Illi fil-kaz odjern id-dover tal-Prosekuzzjoni hu li jipprezenta quddiem il-Qorti kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputata ghall-akkadut, li tipprova kondotta

voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas tà hsieb 'imprudenza', 'negligenzá jew 'traskuragni' jew tà hila, tà 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas tà osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness tà kawzalità minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita` diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas tà certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi tà terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibiltá tal-event dannuz, li kondotta llegali tà xi hadd tistà ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha *colpa incosciente* a differenza minn dik imsejha *colpa cosciente*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom tà kodotta kolpuza derivanti minn att tà negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti. Hemm 1) l-imprudenza, li tigi mill-agir tà xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; 2) in-negligenza, li tigi mid-dizattenzjoni u dizakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu;

u 3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe` kif jghid **Manzini**:- *"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tistà tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem tà regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku - Kap 65, il- High Way Code - Motor Vehicle Regulations - bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet tà hsara u dannu lil terzi.

Illi l-Qorti ser tezamina x'inhuma r-rekwiziti tar-reat principali in ezami, u cioe` dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9, u cioe` tar-reat li bih gew akkuzati l-imputati, u cioe` l-omicidju involontarju.

L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull minn b'nuqqas tà hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tà hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew*

*b'nuqqas tà tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt tà xi hadd ...".*

Illi ghalhekk wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioe`:- 1. b'nuqqas tà hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas tà hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tà tharis tar-regolamenti; 2. ikkaguna l-mewt; 3. fuq persuna.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 tà Marzu 1996 fl-ismijiet il-<u>Pulizija vs Richard Grech</u> il-Qorti sostniet is-segwenti:-

***"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas tà hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas tà tharis tà regolamenti, li tkun segwita b'ness tà kawzalità minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba***

*f'kondotta effettivament adegwata má dik tà persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe` fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna tà intelligenza, diligenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi tà gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi l-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione (1127 pagna 46) jghid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Libertà di valutazione".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) tà Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta tà awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. *la volontarieta` dell'atto*; 2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u 3. *la possibilita` di prevedere*.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa*, ghalhekk jibqá dejjem li l-element taghha huwa l-volontarjetá tal-att, in-nuqqas tà previzjoni tal-effetti dannuzi tà dak l-att u l-possibiltà tà previzjoni tà dawk l-effetti dannuzi.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputati kienu kolpevoli tà nuqqas tà hsieb, jew tà traskuragni jew li naqsu li jharsu xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid ukoll tipprova n-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputati, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe` li tammonta ghal *criminal misconduct* (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 tà Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputati kinux hatja tà xi nuqqas tà hsieb jew traskuragni jew tà nuqqas tà tharis tar-regolamenti.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja tà incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jistà jkunu siewja ferm, u xi drabi

jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kkuluriti b'verzjonijiet varji. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn tà hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. Sintendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali johorgu car certu elementi li huma krucjali meta l-Qorti tigi rinfaccjata b'akkuzi bhal dawn u li jsahhu l-Qorti biex tasal ghad-decizjoni taghha.

L-ewwel element huwa dak tal-velocita`. L-imputat Warren Cassar, li laqat il-vittma l-ewwel, jghid kemm fl-istqarrija tieghu u anki fuq il-pedana tax-xhieda illi huwa kien ghaddej b'velocitá baxxa tà circa 40km/hr. L-espert inkarigat Dr. Mario Buttigieg ikkonstata li l-velocitá li kien ghaddej biha Warren Cassar kien tà circa 50-

60km/hr li huwa inqas mil-limitu ghal dawk l-akwati li kien tà 70km/hr.

Element iehor importanti huwa l-kundizzjoni tat-triq u tat-temp. F'dan ir-rigward johrog minn diversi xhieda l-fatt li dakinhar kienet hafna xita u apparti minn hekk kien ghadu d-dlam stante li kien ghadu ma sebahx u ghalhekk il-vizibilità kienet hazina hafna. Aghar minn hekk ma kienx hemm dawl fit-triq u dan gie enfasizzat mhux biss mill-imputat Warren Cassar izda anki mill-espert Dr. Mario Buttigieg u anke mix-xhieda okulari li taw it-testimonjanza taghhom quddiem din il-Qorti.

Il-fatt li kien id-dlam u kienet ix-xita kien jispetta wkoll lill-vittma li jkun kawt hafna qabel ma jaqsam, specjalment tenut kont ukoll tal-fatt li huwa ma kienx qieghed jaqsam fuq *zebra crossing.* Il-vittma kellu joqghod aktar u aktar attent meta kien jaf li kien xurban u anki taht l-infulwenza tà drogi hekk kif irrizulta mir-rizultanzi tal-espert Dr. Mario Scerri. Probabbilment il-fatt illi l-vittma tà dan l-incident kien taht l-influwenza tax-xorb u droga ghamlitha aktar facli ghalih ikun dizinibit u negligenti meta huwa qasam.

Illi s-sewwieq ukoll ghandu r-responsabbiltajiet tieghu u fil-fatt huwa mistenni jzomm *a proper look out.* Kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu u anki mit-testimonjanza tieghu, Warren Cassar jghid li l-vittma hareg f'salt tant li kull ma setà jaghmel kien li jaghfas il-*break.* L-imputat dejjem zamm mal-istess verzjoni tieghu anki a *tempo vergine* mal-pulizija u ghalhekk il-Qorti tqis din il-verzjoni bhala wahda plawsibbli. L-imputat jghid li f'dak id-dlam ra biss dell tà persuna taqsam min-naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug fejn ipprova jwaqqaf il-karozza biex jevita l-impatt però ma rnexxielux. Johrog ghalhekk car it-tentattiv tas-sewwieq u l-fatt li ma setax jarah minn qabel anki minhabba l-fatt li kien liebes hwejjeg skuri.

Illi apparti dan li diga` nghad, fir-rigward tal-ewwel akkuza, ma gie stabbilit mill-ebda espert jekk kienx l-ewwel impatt jew it-tieni impatt li kkawza l-mewt tal-vittma. Jigifieri anki jekk *semmai* gie kkonstatat li kien hemm nuqqas tà hsieb, jew traskuragni, jew nuqqas tà tharis tà regolamenti da parti tà Warren Cassar jew tà James Micallef, il-Qorti fl-ebda hin ma tistà tkun konvinta jekk kienx Warren Cassar li kkaguna l-mewt tà Philip Christopher Attard Scott jew jekk kienx James Micallef li kkaguna l-mewt tal-vittma.

Illi jibqá l-fatt peró li ghalkemm sewwieq tà vettura ghandu jzomm *a proper lookout* jigu cirkostanzi fejn in-negligenza tal-*pedestrian* tkun wahda elevata li sewwieq ma jkunx jistà ragjonevolment jevita l-incident u infatti dak li kien gara lil Warren Cassar. Illi allura l-istess imputat Warren Cassar qatt ma jistà jigi akkuzat b'kulpa fis-sewqan tieghu ghaliex tenut kont tà kif kienu c-cirkostanzi atmosferici u tat-triq u tenut kont tal-mod kif qasam il-vittma, dan jidher li ghamel dak kollu li setà jaghmel ragjonevolment tenut kont tac-cirkostanzi.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, diga` hareg car li Warren Cassar fl-ebda hin ma kien negligenti jew traskurat fis-sewqan tieghu. Gie ribadit fil-fatt li kien qieghed isuq taht il-limitu u malli ra dell tà persuna ghafas il-*break* sabiex jevita kemm jistà jkun jolqot lill-vittma li spicca qasam quddiemu. Illi n-negligenza semmaj giet mill-vittma li kien taht l-influwenza tax-xorb u d-droga u ghal xi raguni kien qieghed jaqsam fi triq mudlama fil-hinijiet bikrin tà filghodu u f'dawk il-kundizzjonijiet atmosferici tant li apparti hajtu, setà kkaguna xi griehi jew mewt tà xi hadd iehor.

Illi ghar-rigward is-sewqan tà James Micallef ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali li kien ghaddej b'velocitá. Jirrizulta mill-istqarrija tieghu u anke mix-xhieda tà huh Brian Micallef li l-imputat James Micallef haseb li kienet sehhet habta ghaliex ra li kien hemm vetturi weqfin u allura pprova jaqbez l-istess vettura meta hass xi haga mal-art. Il-kundizzjonijiet tat-temp u tat-triq ovvjament kienu l-istess ghal James Micallef ghaliex kienu ghaddew biss ftit sekondi mill-ewwel impatt u allura huwa plawsibbli li ma ra xejn mal-art. Huwa plawsibbli wkoll li ma rax lill-vittma mal-art peress li kien liebes ilbies skur u ma kienx ghadu gie mghotti b'xi lizar jew xi haga fluworexxenti. Huwa plawsibbli wkoll il-fatt li James Micallef qatt ma setà jimmagina li kien hemm persuna mal-art meta kien hemm biss karozza wieqfa fit-triq u hadd ma kien barra jidderigi t-traffiku. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu qal li meta wasal vicin il-karozza l-hamra, is-sewwieq tal-karozza hamra ma rahx, la fil-karozza u lanqas barra.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-ebda wiehed mill-imputati ma kienu traskurati u negligenti fis-sewqan taghhom u b'hekk mhijiex ser issib htija fir-rigward tat-tieni akkuza.

Illi fir-rigward it-tielet akkuza, li jirrigwarda biss lill-imputat James Micallef, hawnhekk ma hemmx l-icken dubju li l-imputat James Micallef harab mix-xena u b'hekk naqas milli jieqaf u jaghti d-dettalji tieghu. Il-Qorti hija ghalhekk konvinta dwar il-htija tal-imputat James Micallef fejn *tra l'altro* l-imputat stess ammetta li kien telaq mix-xena fejn sehh l-impatt minhabba li kien agitat wara dak li kien gara.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat Regolament 67(1) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet tà Malta, qed issib lill-imputat **James Micallef** hati tat-tielet akkuza kif dedotta kontrih u tikkundannah ghall-piena tà ammenda tà hamsin ewro (€50) filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) u tieni (2) akkuza fuq nuqqas tà provi; filwaqt li ma ssibx lill-imputat **Warren Cassar** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**